MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 240/2000/1

**Meli Holdings Ltd. u Ivan**
**u Natalie konjugi Meli fil-kapacita`**
**taghhom ta' garanti solidali**

**v.**

**Gloria Pont u Gloric Vending Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata fis-7 ta’ Frar 2000 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-atturi ppremettew illi permezz ta’ skrittura privata datata 23 ta’ Awissu 1998, annessa u mmarkata Dok. A, is-socjeta` attrici Meli Holdings Ltd intrabtet illi tixtri u takkwista minghand il-konvenuti li, min-naha taghhom, obbligaw ruhhom li jbieghu u jittrasferixxu lis-socjeta` attrici tmienja u erbghin (48) *Hot Nut Vending Machines* bil-prezz finali ta’ sittax-il elf liri Maltin (LM16,000); u billi s-socjeta` attrici Meli Holdings Ltd hallset is-somma ta’ hamest elef liri Maltin (LM5,000) akkont tal-prezz finali fuq il-konvenju Dok. A u l-atturi Ivan u Natalie konjugi Meli dahlu garanti ghall-hlas tal-bilanc; u billi effettivament gew kkonsenjati lill-atturi erbgha u erbghin (44) *Hot Nut Vending Machines* biss u cioe` erba’ (4) anqas minn dak pattwit; u billi ai termini tal-kalwsola G tal-istess skrittura Dok. A, il-partijiet kellhom jersqu ghall-att finali fi zmien gimghatejn mid-data tal-konvenju; u billi l-att finali baqa’ ma sarx u, ghalhekk, il-konvenju msemmi skada definittivament u billi, fi kwalunkwe kaz, ai termini tal-klawsola H ta’ l-imsemmi konvenju Dok. A, l-att finali kien soggett ghall-approvazzjoni tal-konsulent legali ta’ l-atturi u, kwindi, “*if said lawyer does not approve this agreement, then the Purchaser Company undertakes to advise the Vendor Company that this agreement has not been approved. Thus, agreement shall be rescinded and any moneys paid thereon to the Vendor Company shall be refunded to the Purchaser Company within forty eight hours from receipt of notice by the Purchaser Company that this agreement has not been approved and, consequently, rescinded. On refund to the Purchaser Company of the said funds, the Purchaser Company undertakes to return to the Vendor Company all machines and other items received by it*”; u billi l-imsemmija skrittura Dok. A ma kinitx giet approvata ai termini tal-klawsola H kif jirrizulta minn *fax* datata 31 ta’ Ottubru, 1998, li kopja taghha qed tigi annessa u mmarkata Dok. B; u billi l-konvenuti ghalkemm interpellati diversi drabi biex jirrifondu s-somma ta’ hamest elef liri Maltin (LM5,000) imhallsa lilhom akkont tal-prezz finali kif fuq spjegat, baqghu inadempjenti u billi l-imsemmija erbgha u erbghin (44) *Hot Nut Vending Machines* gew ddepozitati taht l-awtorita` ta’ dina l-Onorabbli Qorti permezz ta’ cedola ta’

depozitu pprezentata fl-4 ta' Frar, 2000; u wara li ppremettew dan kollu l-atturi talbu li dik il-Qorti:-

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh a tenur ta' l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jirrifondu lis-socjeta` attrici Meli Holdings Ltd is-somma ta' hamest elef liri Maltin (LM5,000) imhallsa minnha akkont tal-prezz finali fuq konvenju Dok. A, liema konvenju skada definittivament u, fi kwalunkwe kaz, ma giex approvat ai termini tal-klawsola H ta' l-imsemmi konvenju Dok. A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-kontro-protest prezentat fil-11 ta' Ottubru 1999, ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Dicembru, 1999, u tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru pprezentati kontestwalment u bl-imghaxijiet kummercjali mill-31 ta' Ottubru 1998, sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

B'riserva ta' kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi ghall-magazzinagg tal-*Hot Nut Vending Machines* li ma kenux qeghdin jintuzaw u, ghalhekk, kellhom jigu stivati.

B'nota pprezentata fit-13 ta' April, 2000 il-konvenuti eccepew:-

1. Illi l-premessi ta' l-atturi huma inezistenti stante li ma saret l-ebda skrittura privata fit-23 ta' Awissu 1998, izda fit-13 ta' Awissu, 1998 u inoltre il-ftehim kien ikopri mhux hamsin (50) Vending Machines (ara premessa Nru 3) izda tmienja u erbghin (48) Vending Machines (Ara Dok. A);

2. Illi l-ammont mitlub mill-atturi la huwa cert, lanqas likwidu u wisq anqas ma huwa dovut u l-atturi bdew dawn il-proceduri wara li l-esponenti ghamlu talba ghal hlas tal-bilanc dovut mill-atturi lill-esponenti ta' hdax-il elf liri Maltin (LM11,000), bilanc dovut mill-prezz tal-bejgh in kwistjoni, u billi l-attur kienu jafu illi l-esponenti kellhom difiza tajba

biex jikkontestaw it-talba taghhom, l-atturi abbuzaw mill-process gudizzjarju meta bdew dawn il-proceduri sommarji specjali bid-dispensa tas-smigh;

3. Illi wara l-konvenju “ex-admissis” (ara Dok B) qatt ma nformaw lill-esponenti fi zmien hmistax mid-data tal-konvenju li sar fit-13 ta’ Awissu 1998 skond klawsola (G) illi l-avukat ta’ l-atturi ma kienx approva l-ftehim u wisq anqas l-atturi qatt taw lill-esponenti raguni valida ghaliex l-avukat tal-atturi ma’ kienx approva dan il-ftehim li sar quddiem nutar pubbliku;

4. Illi l-atturi qatt ma taw lill-esponenti raguni valida skond il-ligi li ma kienux sejrin jonoraw l-obbligazzjoni taghhom li jixtru l-Vending Machines skond il-konvenju;

5. Illi ghal kuntrarju ghat-talbiet attrici, skond il-klawsola (A) tal-imsemmi konvenju Dok. A, l-ammont ta’ hamest elef liri (LM5,000) li thallsu mill-atturi akkont tal-bejgh lill-esponenti “shall be forfeited in the Vendor Company’s favour should the purchaser company withdraw from this agreement for no valid reason at law” u ghalhekk se mai l-ammont ta’ LM5,000 mhux talli m’ghandhiex issir refuzjoni mill-esponenti lill-atturi izda dan l-ammont se mai ghandu jigi “forfeited” mill-atturi favur il-konvenuti skond il-klawsola (A) tal-imsemmi konvenju.

6. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, wara li skada l-konvenju, l-partijiet ikkonkludew il-bejgh tal-Vending Machines sussegwentement bi ftehim verbali tant hu hekk illi wara li l-partijiet ftehmu l-prezz ta’ sittax il-elf liri Maltin (LM16,000) l-Vending Machines kollha gew ikkonsenjati lill-atturi skond il-ligi u l-atturi zammewhom, baqghu juzawhom u ghamlu profitt minnhom ghal kwazi sentejn qabel ma inbdew dawn il-proceduri.

7. In fatti l-esponenti qeghdin ifittxu lill-atturi permezz ta’ Citazzjoni Numru 497/00 biex ihallsuhom il-bilanc dovut ta’ LM11,000.

8. Illi inoltre sussegwentement ghall-bejgh, wara illi l-atturi waqghu lura fil-pagamenti, l-atturi minn zmien ghal zmien ikkuntatjaw lill-esponenti biex jippruvaw jikkonvincuhom jestendu t-terminu miftiehem ghal pagament u sabiex jnaqqsu l-ammont li kellu jigi mhallas.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fis-27 ta' Frar 2003, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi wara li laqghat is-sitt eccezzjoni tal-konvenuti cahdet it-talbiet ta' l-atturi u kkundannathom ihallsu l-ispejjez gudizzjarji kollha u dana wara li qalet hekk:

"It-tieni parti ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti (dik li tghid illi nbieghu tmienja u erbghin mhux hamsin *vending machines*) inghatat ghax kien hemm zball fic-citazzjoni. Billi saret il-korrezzjoni mehtiega, ma hemmx ghalfejn inqisu aktar din il-parti ta' l-eccezzjoni.

"L-ewwel parti ta' l-eccezzjoni (dik li tghid illi l-ftehim sar fit-13, mhux fit-23, t'Awissu 1998) saret ghax fuq il-kitba d-data inkitbet bl-idejn u ma jidhirx car jekk l-ewwel cifra hijiex "1" jew "2". Ghalkemm id-data tal-kitba jista' jkollha relevanza, jekk sar zball fid-data murija fuq ic-citazzjoni dan ma jwassalx ghall-"inezistenza" tal-premessi tac-citazzjoni, kif tghid l-eccezzjoni. Ghalhekk, lanqas din il-parti ta' l-eccezzjoni ma hemm ghalfejn inqisuha aktar.

"It-tieni eccezzjoni tolqot il-procedura sommarja specjali; billi l-kawza ma ghadiex miexja b'dik il-procedura, l-eccezzjoni ma hix relevanti u ma hemmx ghalfejn inqisuha aktar.

"Imnehhija l-ewwel zewg eccezzjonijiet, nistghu issa nqisu l-meritu tal-kawza. Il-fatti tal-kaz graw hekk:

"Il-partijiet dahlu fi ftehim ta' weghda ta' bejgh-u-xiri li bis-sahha tieghu s-socjeta` attrici *Meli Holdings Limited* kellha tixtri minghand is-socjeta` konvenuta tmienja u erbghin (48) *hot nut vending machines*. Il-prezz kellu jkun ta' sittax-il ef lira (LM16,000) u meta saret il-weghda s-

socjeta` attrici hallset hamest elef lira (LM5,000) akkont. Dwar dan il-hlas akkont, il-ftehim ighid hekk:

(A) … … … [The] payment on account shall be forfeited in the Vendor Company's favour should the Purchaser Company withdraw from this agreement for no valid reason at law, … … …

"Il-ftehim fih ukoll dawn il-pattijiet, fost ohrajn:

(G) the final agreement shall be signed within two weeks from date hereof.

(H) Subject to the approval of this agreement by the Purchaser Company's Lawyers. Thus if said Lawyer does not approve this agreement, then the Purchaser Company undertakes to advise the Vendor Company that this agreement has not been approved. Thus, agreement shall be rescinded and any monies paid hereon to the Vendor Company shall be refunded to the Purchaser Company within forty eight hours from receipt of notice by the Purchaser Company that this agreement has not been approved and, consequently, rescinded. On refund to the Purchaser Company of the said funds, the Purchaser Company undertakes to return to the Vendor Company all machines and other items received by it.

"L-atturi qeghdin jitolbu illi jintraddulhom il-hamest elf (recte; elef) lira (LM5,000) li hallsu akkont ghax qeghdin ighidu illi l-bejgh ma sehhx u ghalhekk il-konvenuti qeghdin izommu l-flus *sine causa*. Ir-ragunijiet ghala qeghdin ighidu hekk huma tlieta:

a. ghax il-konvenuti ikkonsenjaw biss erbgha u erbghin (44) *vending machines* flok tmienja u erbghin (48);
b. ghax l-avukat taghhom ma approvax il-ftehim; u
c. ghax l-att ta' bejgh-u-xiri baqa' ma sarx u l-konvenju ma nzammx fis-sehh.

"In-nuqqas ta' konsenja ta' haga mibjugha jolqot l-esekuzzjoni, mhux il-formazzjoni, ta' ftehim ta' bejgh-u-xiri. Jekk il-bejjigh ma jaghmilx il-konsenja, ix-xerrej jista' jaghzel illi jitlob li jinhall il-bejgh jew illi jitqieghed fil-pussess tal-haga mibjugha[5], izda l-kawza tallum hija mibnija fuq il-premess illi l-bejgh qatt ma sar, u ma hix talba biex il-bejgh jinhall.

"Ghalhekk l-ewwel raguni mressqa mill-atturi ma hix tajba.

"Biex juru illi l-approvazzjoni mehtiega ghall-ghanijiet tal-patt "H" ma nghatax, l-atturi esebew kopja ta' *fax* tal-31 t'Ottubru 1998 fejn l-attur Ivan Meli jghid illi, wara li iddiskuta ma' l-avukat, xtaq jaghmel xi tibdiliet – inaqqas il-prezz u jibdel il-modalitajiet tal-hlas – qabel ma jsir il-bejgh.

"Il-qorti taqbel mal-konvenuti illi, ghalkemm l-atturi setghu jhollu l-ftehim jekk l-avukat taghhom ma japprovahx, l-approvazzjoni setghet ma tinghatax biss ghal ragunijiet tajba. Li ma kienx hekk, l-atturi kien ikollhom is-setgha li jhollu l-ftehim *ad nutum*, u l-istipulazzjoni ta' l-*arra poenitentialis* tkun saret ghalxejn. Billi interpretazzjoni tajba trid illi kull parti tal-ftehim ikollha tifsira, u mhux tkun saret ghalxejn[7], it-tifsira tal-patt "H" tista' tkun biss illi l-avukat ta' l-atturi seta' ma japprovax il-ftehim jekk juri raguni tajba ghal hekk.

"Dak li rridu naraw mela hu jekk kienx hemm raguni tajba ghala l-atturi ma jixtrux.

"Ir-raguni msemmija fil-*fax* hi li "*one or two machines … … … were total loss*"; tissemma raguni ohra ("*another reason which you came up with during our meeting*") izda ma jinghadx dik ir-raguni x'kienet.

"L-atturi izda ma ressqu ebda prova illi kien hemm xi *vending machines* li kellhom hsara li ma setghetx tissewwa, u lanqas illi ma saritx il-konsenja tal-*vending machines* kollha, kif tghid ic-citazzjoni; anzi mix-xhieda tal-

[5] Art. 1385, Kod. Civ.
[7] Artt. 1004 u 1008, Kod Civ.

konvenuta Gloria Pont hareg illi s-socjeta` attrici hadet il-makni kollha msemmija fil-ftehim u bdiet u baqghet tinqeda bihom fin-negozju taghha[8].

“Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, ma saret ebda prova illi l-atturi kellhom raguni tajba biex ma jersqux ghall-ftehim.

“Fadal it-tielet raguni mressqa mill-atturi, dik li tghid illi l-kuntratt ta’ bejgh-u-xiri ma kienx iffirmat, u l-konvenju isssa ma ghadux fis-sehh.

“Huwa minnu illi l-patt “G”, migjub fuq, ighid illi kellu jsir ftehim bil-miktub; huwa minnu wkoll illi l-art. 114 tal-Kodici tal-Kummerc ighid illi:

**114.** Jekk il-partijiet ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt illi huma riedu jassoggettaw il-validita` tieghu ghat-tharis ta’ dik il-formalita`.

“Din izda hija biss presunzjoni *juris tantum* u ma tibqax tghodd meta l-imgieba tal-partijiet turi car illi huma jqisu illi l-ftehim sar u twettaq. Fil-kaz tallum, mhux biss l-atturi hadu l-*vending machines* izda baqghu wkoll jinqdew bihom ghal sentejn, sew wara li ghalaq l-hmistax il-jum mid-data tal-ftehim ta’ weghda ta’ bejgh-u-xiri. L-imgieba ta’ l-atturi turi illi jridu jiehdu vantagg mill-fatt illi nqdew bi hwejjeg il-konvenuti meta dawn kienu f’idejhom u issa – jew ghax ma ghadx ghandhom bzonnhom jew ghax in-negozju ma ghadux tajjeb jew ghal xi raguni ohra – iridu jehilsu minnhom u jiehdu flushom lura.

“Il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-bejgh tassew sar, u ma jistax jinghad illi l-konvenuti qeghdin izommu l-flus *sine causa.*”

**L-appell ta’ l-atturi.**

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b’rikors ipprezentat fit-3 ta’ Frar,

[8] Ara l-*affidavit* mahluf minn Gloria Pont fit-30 ta’ Jannar 2001, foll. 50 et seqq.

2006 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, dina l-Qorti joghgobha tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u, b'hekk, jew tordna li l-atti tal-kawza jigu rinvijati lura lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex l-appellanti jinghataw opportunita` xierqa u adegwata sabiex iressqu l-provi taghhom in sostenn tat-talbiet taghhom kontenuti fic-citazzjoni, jew inkella tilqa' t-talbiet attrici kif kontenuti fic-citazzjoni u tikkundanna lill-appellati jirrifondu u jirrestitwixxu lill-appellanti d-depozitu akkont tal-prezz finali ta' hamest elef liri Maltin (LM5,000) imhallas minnhom ai termini tal-klawsola A tal-konvenju datat 13 ta' Awissu 1998, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti appellati.

Fir-risposta taghhom il-konvenuti appellati talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell ta' l-atturi jigi michud bl-ispejjez.

**L-aggravji ta' l-atturi appellanti.**

Fir-rikors ta' l-appell tal-atturi gew avanzati bazikament erba' aggravji kontra s-sentenza appellata. Dawn huma s-segwenti:-

a) In-nuqqas ta' smiegh xieraq.

b) In-nullita` tal-konvenju.

c) Li kien hemm ragunijiet validi biex l-atturi ma jersqux ghall-att finali.

d) Li kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti l-bejgh qatt ma sar.

**Ikkunsidrat:**

Dwar in-nuqqas ta' smigh xieraq allegat mill-atturi appellanti qed jinghad li l-appellanti ma kellhomx l-opportunita` li jressqu l-provi taghhom billi l-ewwel Qort ddikjarat l-provi maghluqa wara l-udjenza ta' l-1 ta' Frar 2001, meta l-atturi ma kienu ghadhom resqu ebda prova. F'dan ir-rigward izda jigi rilevat li l-udjenza msemmija, kienet appuntata specifikatament ghall-provi tal-partijiet.

Infatti fis-seduta precedenti, dik tat-13 ta' April, 2000, wara li ntlaqghet it-talba tal-konvenuti biex jikkontestaw it-talba attrici, jinghad hekk "Il-kawza differita sabiex jinstemghu x-xhieda taz-zewg partijiet, …. Ghall-1 ta' Frar, 2001….." (enfazi ta' din il-Qorti) Biss jirrizulta li ghas-seduta imsemmija, ghalkemm imsejjha diversi drabi, l-atturi ma deherux u lanqas ressqu provi. Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti iddikjarat "maghluq il-gbir tax-xhieda". Din id-decizjoni kienet perfettament gustifikata. Isegwi li llum l-atturi ma jistghux jilmentaw dwar nuqqas ta' smigh xieraq meta kienu huma stess li naqsu li jipproducu l-provi fl-udjenza li li kienet hekk ordnata mill-Qorti.

Illi dwar dak li intqal fir-rikors ta' l-appell u cioe` li "*ma saritx gustizzja ugwali f'dan il-kaz*" billi, kif jinghad, l-istess konvenuta kienet "*talbet diversi differimenti"* din il-Qorti tosserva li dan l-ilment huwa fattwalment skorrett ghax fil-fatt kien hemm differiment wiehed biss mitlub mill-konvenuta (ara fol. 34), li kien gustifikat u inoltre dan ippreceda l-istadju tal-proceduri fejn kellu jsir il-gbir tal-provi u ghalhekk kien ghal kollox irrilevanti ghall-aggravju in kwistjoni. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Fit-tieni lok l-atturi appellanti qed jissottomettu li l-ewwel Qorti naqset li tapprezza li l-konvenju in kwistjoni kien null minhabba li ma giex iffirmat minn mart l-attur. F'dan ir-rigward, u kif sewwa osservaw il-konvenuti fir-risposta ghall-appell ta' l-atturi, jekk il-konvenju huwa null allura l-bazi ta' l-azzjoni taqa' billi l-premessi u t-talbiet huma msejsa fuq l-istess konvenju. Jekk dan kien null, l-azzjoni, kif proposta, ma tsitax treggi. Dan l-aggravju ghalhekk ma hux gustifikat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Qed jigi sottomess mill-atturi appellanti li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta kkonkludiet li l-apellanti ma kellhomx raguni valida biex ma jersqux ghall-kuntratt finali. Dan ghaliex, skond l-istess appellanti, l-assenza ta' konsenja tal-magni kollha kienet raguni valida biex huma ma

jersqux ghall-kuntratt. Izda kif sewwa irriteniet l-ewwel Qorti *"n-nuqqas ta' konsenja ta' haga mibjugha jolqot l-esekuzzjoni, mhux il-formazzjoni, ta' ftehim ta' bejgh-u-xiri. Jekk il-bejjigh ma jaghmilx il-konsenja, ix-xerrej jista' jaghzel illi jilob li jinhall il-bejgh jew illi jitqieghed fil-pussess tal-haga mibjugha, izda l-kawza tallum hija mibnija fuq il-premessa illi l-bejgh qatt ma sar, u ma hix talba biex il-bejgh jinhall.*" Dan apparti li ma jirrizultax, in atti, li l-konvenuti gew maghrrfa bid-decizzjoni tal-avukat tal-atturi entro it-terminu stabbilit, u apparti ukoll il-fatt li, kuntrarjament ghal dak allegat, ma hemm ebda prova ta' nuqqas ta' konsenja jew li whud mill-magni kienu difettuzi. Infatti mid-dokumenti ezebiti, abbinati max-xhieda ta' Gloria Pont, jirrizulta li l-magni kollha kienu fil-pussess tal-atturi u dawn ghamlu uzu minnhom ghall-zmien konsiderevoli. Dan l-aggravju ghalhekk ma giex sostanzjat u qed jigi michud.

Finalment qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti kient skorretta meta cahdet it-talba attrici wara li waslet ghall-konkluzzjoni li fil-verita` l-bejgh kien sar; qed jigi sottomess li mill-provi rizultanti l-ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghal din il-konkluzzjoni billi dak li jipprovdi l-Artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerc kellu jsahha l-konvinciment ta' l-ewwel Qorti li l-bejgh ma setax isir bil-forma li l-istess Qorti ddikjarat li kien sar. Jkun xieraq hawn li tigi riprodotta dik il-parti tas-sentenza appellata li titkellem fir-rigward:
"*Fadal it-tielet raguni mressqa mill-atturi, dik li tghid illi l-kuntratt ta' bejgh-u-xiri ma kienx iffirmat, u l-konvenju issa ma ghadux fis-sehh.*

*"Huwa minnu illi l-patt "G", migjub fuq, ighid li kellu jsir ftehim bil-miktub; huwa minnu wkoll illi l-art. 114 tal-Kodici tal-Kummerc ighid illi:*

*"114. Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt li huma riedu jassoggettaw il-validita` tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalita`."*

*"Din izda hija biss presunzjoni iuris tantum u ma tibqax tghodd meta l-imgieba tal-partijiet turi car illi huma jqiesu illi l-ftehim sar u twettaq. Fil-kaz tallum, mhux biss l-atturi hadu l-vending machines izda baqghu wkoll jinqdew bihom ghal sentejn, sew wara li ghalqu l-hmistax il-jum mid-data tal-ftehim ta' weghda ta' bejgh-u-xiri. L-imgieba ta' l-atturi turi illi jridu jiehdu vantagg mil-fatt illi nqdew bi hwejjeg il-konvenuti meta dawn kienu f'idejhom u issa – jew ghax ma ghadx ghandhom bzonnhom jew ghax in-negozju ma ghadux tajjeb jew ghal xi raguni ohra – iridu jehilsu minnhom u jiehdu flushom lura.*

*"Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-bejgh tassew sar, u ma jistax jinghad illi l-konvenuti qeghdin izommu l-flus sine causa."*

Tenut kont tal-fattispecie kollha tal-kaz, u senjatament ukoll li hawn si tratta ta' bejgh ta' effetti mobbili li jirrikjedi biss qbil fuq l-haga u fuq il-prezz, din il-Qorti ma ghandha xejn x'izzid ma dak li osservat l-ewwel Qorti u ghalhekk, filwaqt li taghmlu taghha, tichad dan l-aggravju.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-atturi qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------